

# Karmnu Mallia 'Il-Lhudi' (1869-1931)
## Statwarju ta' Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa, Titulari, fil-Knejjes u Statwi tal-Festa fit-Toroq

- Dr. Joseph F. Grima



*L-istatwarju Karmnu Mallia*

Din is-sena, jiġifieri l-2019, hi l-150 sena mit-twelid tal-istatwarju Qormi Carmelo Mallia, magħruf bħala Karmnu, u mlaqqam il-Lhudi. Twieled Ħal Qormi fis-27 ta' Novembru 1869, iben Alessandru Mallia u martu Antonia neè Theuma. Tul ħajtu, qala' l-għixien tiegħu billi ħadem bħala statwarju fil-kartapesta. L-apprendistat tiegħu segwieh fil-ħanut tax-xogħol tal-magħruf statwarju Karlu Darmanin (1825-1909) fejn tħarreġ fl-immodellar tal-kartapesta. Għalkemm kien tajjeb fil-mestier tiegħu u, wara l-mewt ta' Darmanin, kien imfittex sew għal xogħlijiet li, tista' tgħid, ma kienu jaqtgħu qatt, ma rnexxilux jilħaq il-livelli għoljin ta' bosta mill-istatwi li kien sawwar l-għalliem tiegħu. Wara l-mewt ta' Darmanin, irnexxielu jakkwista (b'għotja jew xiri) numru ta' forom ta' wċuħ li użahom fit-tiswir ta' diversi opri artistiċi, tant li numru ta' statwi tiegħu jixbhu sew lil dawk ta' Darmanin. Il-vari u statwi li Karmnu pproduċa tul il-karriera tiegħu, ivarjaw minn vari titulari għal statwi/gruppi statwarji tal-Ġimgħa l-Kbira u vari tal-qaddisin fi knejjes, flimkien ma' għadd kbir ta' anġli u figuri bibliċi Lhudin li jintramaw fit-toroq ta' diversi rħula waqt il-festi titulari. Kien minħabba l-istatwi Lhudin li pproduċa (u li x'aktarx kienu l-figuri favoriti tiegħu), li lil Karmnu laqqmuh *Il-Lhudi*, laqam li wirtu wkoll ibnu Xandru (1912-70) li kien ukoll statwarju bħal missieru u li kien imsemmi għal nannuh Alessandru. Jingħad li l-forom ta' Darmanin li Karmnu kien akkwista għaddew għand ibnu, li kissirhom sforz id-diżappuntament li ħass meta ma ngħatax il-kummissjoni għat-tiswir tal-vara tal-*Aħħar Ċena* fl-1960-61 għal Ħal Qormi.

Hu wisq probabbli li, sakemm miet Darmanin, Karmnu kien jaħdem għal u fil-ħanut tax-xogħol tal-imgħallem tiegħu u, għaldaqstant, x'aktarx ma kienx qabel l-1910 li fetaħ għal rasu l-*workshop* personali tiegħu f'garaxx kbir (f'tarf pjazzetta), f'numru 178, Triq il-Kbira, Ħal Qormi – dak iż-żmien *Strada Reale San Giorgio* – ħdejn l-istatwa ta' San

*ikompli f'paġna 58*

Pawl (illum fil-parroċċa ta' San Bastjan), post li wara ntuża minn ibnu Xandru u li llum hu użat bħala garaxx privat. Dan jikkonfermah fi djarju personali Michael Barbara li, bħala ġuvnott, ħadem bħala lavrant ma' Karmnu għal kważi tliet snin, mill-1919 sal-1922. Karmnu bilfors kellu jiftaħ għal rasu għax il-werriet tal-bottega Darmanin kien alliev ieħor, Ġużeppi Cilia magħruf bħala *l-Bellettu*, li kien Qormi wkoll. Id-dar li kien joqgħod fiha Karmnu kienet tefgħa ta' ġebla 'l bogħod, fit-triq li hi biswit il-*workshop* tiegħu, ċioé f'numru 21, Triq San Ġużepp. Tajjeb hawnhekk insemmu li Karmnu kien ukoll membru fil-Kumitat Festi Esterni ta' Ħal Qormi meta dan twaqqaf nhar l-Imnarja tal-1919, eżattament mitt sena ilu.

Karmnu Mallia kien miżżewweġ lil Ġużeppa Muscat u kellhom żewġ ulied: Xandru (li diġà semmejnih) u Ċetta li żżewġet lil Pawlu Cutajar iżda ma kellhomx tfal. Karmnu miet nhar it-3 t'April 1931 u ndifen fil-qabar numru 11 tal-korsija fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.

**Vari tal-Ġimgħa l-Kbira ... u Statwi Reliġjużi Oħra għall-Knejjes**

Li Karmnu Mallia kien igawdi fama tajba bħala statwarju meta miet Darmanin jixhdu l-fatt li fl-1914 beda jingħata l-kummissjoni biex isawwar sitt vari tal-Ġimgħa l-Kbira għall-purċissjoni tan-Nadur, Għawdex, li kienet bdiet toħroġ bi tliet statwi eżistenti fl-1913. Fl-1914, sawwar il-vari tal-*Ort fil-Ġetsemani* u r-*Redentur* li tħallset minn Mikiel Borg li kien jaħdem fuq il-laneċ. Fl-1915, magħhom żdiedu l-*Flaġellazzjoni mal-Kolonna*, l-*Ecce Homo*, il-*Kruċifissjoni* (l-Vara l-Kbira) u l-*Veronika* li ħallas l-ispejjeż tagħha Ġanni Cauchi. Mal-milja tas-snin, dawn il-vari nbidlu kollha ħlief il-*Veronika* li għadha toħroġ proċessjonalment sal-lum, għalkemm fl-1987 żidulha tifla magħha li, fl-opinjoni tiegħi, hu żball għax meta jsir hekk, ma tiġix rispettata l-etika professjonali li, bi dritt, għandu jgawdi l-awtur oriġinali. Il-Vara l-Kbira (mingħajr il-figura tal-Maddalena) għadha teżisti f'niċċa fil-knisja parrokkjali bħala t-titular tal-Artal tal-Kurċifiss. Wieħed ma jistax ma jinnotax li l-wiċċ tal-*Veronika* nħadem fuq forma ta' wiċċ femminili li qabel kienet ta' Darmanin għax tixbah perfettament lill-*Veronika* ta' Ħal Qormi li hi xogħol ta' Karlu.



***Il-vara tal-Veronika tan-Nadur, Għawdex.***

Hawn ta' min isemmi żewġ xogħlijiet oħra li Mallia sawwar għan-Nadur: fl-1913 saret statwa sewda ta' San Pietru għall-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali biex titbierek b'tifkira ta' dan l-avveniment u, f'sena mhix magħrufa iżda qabel l-1921, issawwar grupp statwarju tal-festa għall-pjazza tal-knisja, li kienet turi lil Ġesù qed jagħti l-imfietaħ lil San Pietru u s-salib lil San Pawl. Hawn irridu niftakru li l-festa titulari tan-Nadur hi l-Imnarja, jiġifieri l-Martirju ta' San Pietru u San Pawl.

Mallia sawwar ukoll żewġ vari oħrajn għall-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Fl-1918, ħadem il-vara tal-*Madonna tad-Duluri* għall-Mosta, fejn ċertament uża forom tal-uċuħ tal-Madonna u ta' San Ġwann li qabel kienu ta' Darmanin, ħaġa li wieħed jifhimha billi l-vara kellha tkun konformi mal-istatwi l-oħrajn li kollha kienu xogħlijiet ta' Karlu. Fl-1921, Karmnu pproduċa vara oħra tad-*Duluri*, din id-darba għall-Isla, li kienet donazzjoni ta' Stefano Sant Angelo.

Hemm bosta aktar xogħlijiet ta' Mallia fi knejjes iżda fl-ispazju ristrett ta' artiklu, ma nistax nelenkahom kollha. Għaldaqstant, ser insemmi lista ta' wħud minnhom biex nagħti idea tajba tal-firxa ta' statwi li ntużaw għal skopijiet differenti: L-Imqabba - sitt puttini kbar; Il-Furjana - loppa tat-tużell komposta minn tliet anġli kbar ta' tmien piedi; Ħal Luqa – tmien anġli għas-sepulkru; Il-Belt (San Pawl) – *Santa Margerita Alacoque*; Ħal Qormi (illum fil-kripta tal-knisja tal-Parroċċa San Bastjan) – *Kurċifiss, San Ġużepp* u



**It-titular tal-Artal tal-Kurċifiss fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur, Għawdex. Oriġinarjament kienet il-Vara l-Kbira li ħadem Karmnu Mallia għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira**



***Il-Madonna tad-Duluri tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Isla.***

*ikompli f'paġna 60*

l-*Madonna tal-Karmnu*; Tas-Sliema (Sacro Cuor) – *San Franġisk*; San Pawl il-Baħar: *San Ġużepp* u *San Pawl*; diversi settijiet tal-Appostli li jintramaw fuq l-altari għal diversi parroċċi. Jissemmew ukoll – minn lavrant ta' Mallia – statwi tal-ġebel li jirrappreżentw lil *San Pietru* u lil *San Pawl* għall-faċċata tal-Knisja tan-Naxxar. Din hi indikazzjoni li Mallia, għalkemm kien statwarju tal-kartapesta u kontra kif kien maħsub, jidher li pprova jidħol ukoll għal xi xogħol ta' skultura.



**Il-Madonna tal-Karmnu fil-Kripta tal-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan, Ħal Qormi.**





**Kurċifiss fil-Kripta tal-Knisja Parrokkjali ta' San Bastjan, Ħal Qormi.**

Jidher ukoll li ġieli tqabbad jagħmel xogħol ta' restawr fuq vari tant li jissemma mil-lavrant tiegħu ir-*Redentur* ta' Ħal Luqa (mhux dak li hemm illum) bejn l-1919 u l-1922 filwaqt li hu dokumentat li għamel xi restawr fuq xi vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt.

## Statwi tal-Festi għat-Tiżjin tat-Toroq

L-aħħar tliet deċennji tas-seklu dsatax kienu raw żieda kbira fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi esterni tat-titulari (u wkoll ta' festi sekondarji) fl-irħula u l-ibliet Maltin u Għawdxin. Sar ukoll popolari ferm it-tfassil ta' statwi biex jiżżejnu t-toroq u l-pjazez tal-lokalitajiet differenti, li kienu jinkludu settijiet ta' puttini, anġli, profeti, Santi Padri, papiet, allegoriji u diversi personaġġi konnessi mal-qaddis titulari ta' kull lokalità partikolari. F'dawn it-tliet deċennji, il-biċċa l-kbira minnhom ħargu mill-bottegi ta' Karlu Darmanii u Vincenzo Maria Cremona iżda, wara li dawn mietu fl-1909 u fl-1912 rispettivament, l-aktar żewġ statwarji mfittxija kienu Ġużeppi Cilia (*il-Bellettu*) u Karmnu Mallia (*il-Lhudi*), b'dan tal-aħħar ikun aktar popolari u l-aktar wieħed li pproduċa xogħlijiet ta' dan il-ġeneru.



**Anġlu - Triq Anici, Ħal Qormi. Ninnutaw ix-xebh li għandu mal-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista fil-Vara l-Kbira, xogħol ta' Karlu Darmanin**



*Qtugħ ir-Ras (Il-Martirju) ta' San Ġorġ, grupp statwarju li jintrama fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi*



*San Ġorġ quddiem l-Imperatur Dijoklezjanu, grupp statwarju li jintrama fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi*



*San Pier Damiani, statwa li tintrama ħdejn il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi*

Fir-restrizzjonijiet ta' artiklu, diffiċli li wieħed jelenka x-xogħlijiet kollha li wettaq Mallia għat-tiżjin tal-festi fit-toroq, iżda dawn l-eżempji għandhom iservu biex nieħdu idea tajba tal-kwantità kbira li pproduċa f'dan il-qasam tal-mestier tiegħu: L-Imqabba (festa ta' Santa Marija) – tnax-il Appostlu għall-misraħ ewlieni, grupp kbir statwarju li juri l-*Inkoronazzjoni tal-Madonna* li jinkludi l-Missier Etern flimkien ma' erba' anġli kbar u erba' oħra żgħar; Bormla – rappreżentazzjoni tad-*Domma tal-Immakulata* bid-dimonju mgħaffeġ u s-simboli tal-erba' Evanġelisti, il-*Papa Piju X*; iż-Żurrieq (Madonna tal-Karmnu) – sitt profeti; Ħal Qormi (San Ġorġ) – żewġ settijiet ta' tnax-il anġlu kull sett, sett ta' 28 anġli żgħar, *San Karlu Borromeo, San Ambroġ, San Pier Damiani, San Ġorġ fil-Glorja* (attribuzzjoni), *San Ġorġ jipprietka f'Beirut*, u żewġ gruppi li juru *Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ* u *San Ġorġ quddiem l-Imperatur Dijoklezjanu* (dawn it-tnejn issawru fuq abbozzi li kien ħejja Karlu Darmanin).

**Vari Titulari**

Karmnu Mallia ħadem ukoll żewġ vari titulari: *Santa Venera* u l-*Madonna tad-Duluri*. Il-vara ta' *Santa Venera*, għall-parroċċa tal-istess isem, iżżanżnet mitt sena ilu, eżattament fl-1919. Saret a spejjeż ta' Tumas Dalli, benefattur tal-parroċċa, li għaliha ħallas is-somma ta' £36. Il-wiċċ tal-vara nħadem fuq forma li darba kienet ta' Karlu Darmanin.

Il-*Madonna tad-Duluri* saret għall-parroċċa tal-istess isem f'San Pawl il-Baħar biex ħadet post vara oħra li kien sawwarha Karlu Darmanin u li kienet għotja tal-Markiża Anna Bugeja. Mhux magħruf eżatt meta nħadmet il-vara ta' Mallia, iżda hu magħruf minn diversi sorsi ta' min jorbot fuqhom li saret wara l-1911; jeżisti wkoll ritratt tagħha fil-knisja parrokkjali li hu datat 1915. Skont Rafel Bonnici Calì, il-vara saret fl-1915 iżda ma jgħidx fejn sab dan it-tagħrif. Meta wieħed jifli r-ritratt tal-1915 u l-pitturi li jidhru/ma jidhrux

*ikompli f'paġna 62*

fih, jista' jikkonkludi li l-vara żżanżnet fl-1914. Mhux magħruf kienx hemm xi benefattur involut iżda m'hemm ebda dubju – dan jixhdu wkoll l-istil tagħha – li din il-vara hi xogħol ta' Mallia li, hawnhekk ukoll, uża forom ta' Darmanin. Analiżi sħiħa, tajba immens u annotata bi preċiżjoni kbira, saret minn Patri Joseph Cilia OFM Conv. u għalhekk mhux il-każ li nirrepeti dak li diġà ġie ppubblikat (ara l-biblijografija ta' dan l-artiklu). Iżda tajjeb inżid li l-vara hi ftit akbar minn tul normali tal-bniedem (*life-size*) u, oriġinarjament, kien hemm anġlu – bis-simboli tal-Passjoni ta' Ġesù mal-Madonna – li tneħħa fl-1933 meta l-vara sarilha restawr sħiħ minn Wistin Camilleri. Għalkemm l-anġlu għadu ppreservat tajjeb ħafna f'niċċa fil-knisja parrokkjali, naqbel ma' min ikkummenta li l-vara kien imissha baqgħet kif kienet biex tiġi rispettata l-etika professjonali u jinżamm bla mittiefes il-kunċett oriġinali tal-awtur. Il-vara reġgħet ġiet restawrata fl-2005, din id-darba minn John Orlando u Renzo Gauci.



*Il-vara titulari tal-Madonna tad-Duluri ta' San Pawl il-Baħar kif sawwarha Karmnu Mallia għall-ħabta tas-sena 1914 qabel ma tneħħielha l-anġlu fl-1933*



*Il-vara titulari ta' Santa Venera, tal-parroċċa li ġġib l-istess isem, li żżanżnet fl-1919, mitt sena ilu. Il-wiċċ inħadem fuq forma li darba kienet ta' Karlu Darmanin*

**Stil u Kummenti**

Diġà ktibt li Mallia tħarreġ fis-sengħa artistika tiegħu fil-bottega ta' Karlu Darmanin u, għaldaqstant, ma jistax jonqos li, aktar wisq milli ftit, iddakkar mill-istil romantiku u purista tal-għalliem tiegħu. Apparti mill-użu li Mallia regolarment għamel (għal diversi opri) mill-forom tal-uċuħ li darba kienu tas-surmast tiegħu, lil dan ikkuppjah ukoll fit-tqassim tal-panniġġi fl-ilbies tal-istatwi. B'kuntrast ma' Darmanin, Vincenzo Maria Cremona (li kien beda l-karriera tiegħu bħala xenografista tat-Teatru Rjal) bosta drabi ħaddan stil eżuberanti/psewdo-barokk u, kultant, Mallia ħa spunti minn dan l-istil bħalma jidher minn xi anġli mtajrin u puttini maġenb statwi prinċipali kif ukoll xi gruppi ta' statwi għat-toroq li semmejt xi ħaġa żgħira minnhom aktar qabel. Meta nqisu kollox, Mallia aktar żamm mat-tradizzjoni purista ta' Darmanin għalkemm il-kunċett

tal-anġlu fil-vara tal-*Madonna tad-Duluri* ta' San Pawl il-Baħar (kif kienet il-vara sal-1933) jidher li oriġinaha mill-ideat ta' Cremona.

Fil-kumpless, Mallia kien statwarju kompetenti li, però, bosta drabi ma leħaqx il-livelli rfinuti tal-imgħallem tiegħu. Madankollu, jibqa' figura importanti li, sas-snin tletin tas-seklu għoxrin, naturalment flimkien ma' statwarji oħrajn, żamm ħajja fil-knejjes u fit-toroq tal-gżejjer Maltin is-sengħa artistika tat-tiswir ta' opri fil-kartapesta. Ukoll għal dan biss, ismu għandu jibqa' mfakkar b'ġieħ u għożża.

***Biblijografija:***


Barbara, Michael, *Notamenti u Memorji*, Djarju Privat, manuskritt.

Bonnici OFM Conv., P. Alexander, *San Pawl il-Baħar Parroċċa f'Ġieħ il-Madonna tad-Duluri*, Malta 2005.

Bonnici Calì, Rafel, 'Karmnu Mallia Il-Lhudi (1880-1930)', *Leħen is-Sewwa*, 2.viii.1986.

Camilleri, Joseph C., 'L-istatwa tad-Duluri: L-Istatwa Titulari ta' San Pawl il-Baħar', *Il-Mument*, 28.iii.2004.

Caruana, Victor, *The Art of Papier-Mâché in Malta between the 19th and Early 20th Centuries*, Teżi tal-MA fl-Istorja tal-Arti, Università ta' Malta 2005.

Cilia OFM Conv., P. Joseph, *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl il-Baħar*, Malta 1980.

Cilia OFM Conv., P. Joseph, 'L-Istatwa u l-Festa tad-Duluri', *Paulus*, Harġa nru 6, 1981.

Cilia OFM Conv., P. Joseph, 'Lejn iċ-Ċentinarju tal-Istatwa Titulari', *Ktieb tal-Festa San Pawl il-Baħar*, 2012.

Grima, Joseph F., *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Gżejjer Maltin*, Malta 2012.

Lanfranco, Guido, *L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom*, Malta 1999.

Mangion, Stanley u Magro, Christopher, *Karmenu Mallia u Ibnu Xandru (Il-Lhudi)*, Malta 2018.

Saliba OFM Conv., P. Arthur, 'L-Ewwel Festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar', *Ktieb tal-Festa San Pawl il-Baħar*, 2011.

Sammut, Pawlu, 'Sehem l-Istatwarju Karmnu Mallia fil-Festa', *Ktieb tal-Festa San Ġorġ tal-Kumitat Festi Esterni Ħal Qormi*, 1993.

Sammut Pawlu, 'Avvenimenti Importanti fil-Festa Esterna ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi 1900-2000', *Ktieb tal-Festa San Ġorġ tal-Kumitat Festi Esterni Ħal Qormi*, 2000.

Schiavone, Michael J. (editur), *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. II, Malta 2009.



